DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/769

tal-21 ta' April 2016

dwar l-aċċettazzjoni tal-Emendi għall-Protokoll tal-1998 għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfinali tal-Arja Fuq Distanza Twila li Jikkonċerna s-Sustanzi Niġġiesa Organiċi Persistenti

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) L-Unjoni hija parti għall-Konvenzjoni tal-1979 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar it-Tniġġis Transkonfinali tal-Arja Fuq Distanza Twila (il-"Konvenzjoni"), wara l-approvazzjoni tagħha fl-1981 ([1]).

(2) L-Unjoni hija parti għall-Protokoll tal-1998 għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfinali tal-Arja Fuq Distanza Twila li Jikkonċerna s-Sustanzi Niġġiesa Organiċi Persistenti (il-"Protokoll"), wara l-approvazzjoni tagħha fid-19 ta' Frar 2004 ([2]).

(3) Il-partijiet għall-Protokoll fetħu n-negozjati fl-2007 bil-ħsieb li jtejbu ulterjorment il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, inkluż permezz tal-aġġornament tal-lista tas-sustanzi konċernati u l-valuri tal-limitu tal-emissjonijiet applikabbli għal ċerti inċineraturi tal-iskart.

(4) Fl-2009, il-partijiet preżenti fis-27 sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni adottaw b'kunsens id-Deċiżjonijiet 2009/1, 2009/2 u 2009/3 li jemendaw il-Protokoll.

(5) L-emendi li jinsabu fid-Deċiżjoni 2009/3 daħlu fis-seħħ u saru effettivi abbażi tal-proċedura mħaffa prevista fl-Artikolu 14(4) tal-Protokoll.

(6) L-emendi li jinsabu fid-Deċiżjonijiet 2009/1 u 2009/2 jirrikjedu aċċettazzjoni mill-partijiet għall-Protokoll skont l-Artikolu 14(3) tal-Protokoll.

(7) L-Unjoni diġà adottat strumenti dwar materji koperti mill-emendi għall-Protokoll, inkluż ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(8) L-emendi għall-Protokoll li jinsabu fid-Deċiżjonijiet 2009/1 u 2009/2 għandhom għalhekk jiġu aċċettati f'isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-emendi għall-Protokoll tal-1998 għall-Konvenzjoni tal-1979 dwar it-Tniġġis Transkonfinali tal-Arja Fuq Distanza Twila li Jikkonċerna s-Sustanzi Niġġiesa Organiċi Persistenti (il-"Protokoll") huma b'dan aċċettati f'isem l-Unjoni.

([1]) ĠU L 171, 27.6.1981, p. 11.
([2]) ĠU L 81, 19.3.2004, p. 35.
([3]) Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7).

It-testi tal-emendi għall-Protokoll kif jinsabu fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2009/1 u fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2009/2 tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina l-persuna jew persuni bis-setgħa li jiddepożitaw, f'isem l-Unjoni, fir-rigward ta' materji li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni, l-istrument ta' aċċettazzjoni previst fl-Artikolu 14(3) tal-Protokoll ([1]).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-21 ta' April 2016.

Għall-Kunsill
Il-President
G.A. VAN DER STEUR

([1]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Protokoll ser jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

EMENDI GĦALL-PROTOKOLL

kif jidhru fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2009/1 tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni

A. Artikolu 1

Għandha ssir din is-sostituzzjoni fil-paragrafu 12:

""Sors immobbli ġdid" tfisser kwalunkwe sors immobbli li l-kostruzzjoni jew il-modifika sostanzjali tiegħu tibda wara l-iskadenza ta' sentejn (2) mid-data tad-dħul fis-seħħ għal Parti għal:

(a) il-Protokoll preżenti; jew

(b) emenda għall-Protokoll preżenti li, fir-rigward ta' sors immobbli, tintroduċi valuri limitu ġodda fil-Parti II tal-Anness IV jew tintroduċi l-kategorija fl-Anness VIII li fiha jidħol dak is-sors.

Għandha tkun kwistjoni għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jiddeċiedu dwar jekk modifika hix sostanzjali jew le, filwaqt li jqiesu fatturi bħall-benefiċċji ambjentali tal-modifika".

B. Artikolu 3

1. Fl-Artikolu 3, il-paragrafi 5(b)(i) u 5(b)(iii) tal-Protokoll tal-POPs, għall-kliem:

"li għalihom l-Anness V jidentifika l-aqwa tekniki disponibbli"

għandhom jiġu sostitwiti:

"li għalihom il-gwida adottata mill-Partijiet fis-sessjoni tal-Korp Eżekuttiv tidentifika l-aqwa tekniki disponibbli".

2. Il-punt u l-virgola fl-aħħar tal-paragrafu 5(b)(iv) għandha tinbidel b'punt.

3. Jitħassar il-paragrafu 5(b)(v).

C. Artikolu 13

Il-kliem "Annessi V u VII huma" għandhom jinbidlu bil-kliem "Anness V huwa"

D. Artikolu 14

1. Il-paragrafu 3 għandu jinbidel b'li ġej:

"3. L-emendi tal-Protokoll preżenti u tal-annessi I sa IV, VI u VIII għandhom jiġu adottati b'kunsens tal-Partijiet preżenti fis-sessjoni tal-Korp Eżekuttiv, u għandhom jidħlu fis-seħħ għall-Partijiet li aċċettawhom fid-disgħin jum wara d-data li fiha żewġ terzi minn dawk li kienu Partijiet fil-mument tal-adozzjoni tagħhom iddepożitaw mad-Depożitarju l-istrumenti ta' aċċettazzjoni tagħhom tiegħu. L-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ għal kwalunkwe Parti oħra fid-disgħin jum wara d-data li fiha dik il-Parti tkun iddepożitat l-istrument ta' aċċettazzjoni tagħha tiegħu. Dan il-paragrafu għandu jkun suġġett għall-paragrafi 5 bis u 5 ter hawn taħt."

2. Fil-paragrafu 4, il-kliem "annessi V u VII" għandhom jinbidlu b'"anness V" u għall-kliem "kwalunkwe anness bħal dan" għandhom jinbidlu b'"anness V".

3. Fil-paragrafu 5, il-kliem "jew VII" għandhom jitħassru u għall-kliem "kwalunkwe anness bħal dan" għandhom jinbidlu b'"anness V".

4. Wara l-paragrafu 5, jiżdiedu l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"5 bis. Għal dawk il-Partijiet li aċċettawha, il-proċedura stipulata fil-paragrafu 5 ter hawn taħt għandha tiġi qabel il-proċedura stipulata fil-paragrafu 3 hawn fuq fir-rigward tal-emendi tal-annessi I sa IV, VI u VIII.

5 ter. (a) L-emendi tal-annessi I sa IV, VI u VIII għandhom jiġu adottati permezz ta' konsensus tal-Partijiet preżenti fis-sessjoni tal-Korp Eżekuttiv. Mal-iskadenza ta' sena mid-data tal-komunikazzjoni tagħha lill-Partijiet kollha mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kummissjoni, emenda għal kwalunkwe anness bħal dan għandha ssir effettiva għal dawk il-Partijiet li ma ssottomettewx notifika skont id-dispożizzjonijiet tas-sottoparagrafu (b) hawn taħt fid-Depożitarju;

(b) Kwalunkwe Parti li ma tistax tapprova emenda tal-annessi I sa IV, VI u VIII għandha b'hekk tinnotifika lid-Depożitarju bil-miktub fi żmien sena mid-data tal-komunikazzjoni tal-adozzjoni tagħha. Id-Depożitarju għandu mingħajr dewmien jinnotifika lill-Partijiet kollha dwar kwalunkwe notifika bħal din riċevuta. Parti tista' fi kwalunkwe mument tissostitwixxi aċċettazzjoni għan-notifika preċedenti tagħha u, mad-depożitu ta' strument ta' aċċettazzjoni mad-Depożitarju, l-emenda ta' anness bħal dan għandha ssir effettiva għal dik il-Parti;

(c) Kwalunkwe emenda tal-annessi I sa IV, VI u VII ma għandhiex tidħol fis-seħħ jekk għadd aggregat ta' sittax-il Parti jew iktar ikunu:

(i) Issottomettew notifika skont id-dispożizzjonijiet tas-sottoparagrafu (b) hawn fuq; jew

(ii) Jew ma aċċettawx il-proċedura stipulata f'dan il-paragrafu u ma jkunux għadhom iddepożitaw strument ta' aċċettazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 hawn fuq".

E. Artikolu 16

Għandu jiżdied paragrafu ġdid wara l-paragrafu 2 kif ġej:

"3. Stat jew Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika għandhom jiddikjaraw l-istrument ta' ratifika, approvazzjoni jew adeżjoni tagħhom jekk ma għandhomx l-intenzjoni li jkunu marbutin bil-proċeduri stipulati fl-Artikolu 14, il-paragrafu 5 ter fir-rigward tal-emenda tal-annessi I sa IV, VI u VIII."

F. Anness I

1. Fl-elenkar għas-sustanza DDT, il-kundizzjonijiet (innumerati 1 u 2) dwar l-eliminazzjoni tal-produzzjoni għandhom jitħassru u jinbidlu bil-kelma "Xejn" u l-kliem "ħlief kif identifikat fl-anness II" fil-kundizzjonijiet dwar l-użu għandhom jitħassru.

2. Fl-elenkar għas-sustanza Ettakloru, il-kundizzjonijiet dwar l-użu għandhom jitħassru u jinbidlu bil-kelma "Xejn".

3. Fl-elenkar għas-sustanza Eżaklorobenżen, il-kundizzjonijiet dwar il-produzzjoni u l-użu għandhom jitħassru u f'kull każ jinbidlu bil-kelma "Xejn".

4. L-elenkar għas-sustanzi li ġejjin għandu jiżdied billi jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin fl-ordni alfabetika xierqa:

"Eżaklorobutadjen CAS: 87-68-3	Produzzjoni	Xejn
	Użu	Xejn

Eżakloroċikloeżani (HCH) (CAS: 608-731), inkluż lindan (CAS: 58-89-9	Produzzjoni	Xejn
	Użu	Xejn, ħlief għall-isomeru gamma tal-HCH (lindan), użat f'insetti-ċida topiku għal skopijiet ta' saħħa pubblika. Użijiet bħal dawn għandhom jiġu evalwati mill-ġdid taħt dan il-Protokoll fl-2012 jew sena wara li l-emenda tidħol fis-seħħ, liema tkun l-iktar tard.

Etere tal-eżabromodifenil ([a]) u etere tal-eptabromodifenil ([a])	Produzzjoni	Xejn
	Użu	1. Parti tista' tippermetti riċiklaġġ ta' oġġetti li jkun fihom jew jista' jkun fihom kwalunkwe minn dawn is-sustanzi, u l-użu u r-rimi finali ta' oġġetti manifatturati minn materjali riċiklati li fihom jew jista' jkun fihom kwalunkwe minn dawn is-sustanzi, sakemm ir-riċiklaġġ u r-rimi finali jitwettqu f'manjiera li hija ambjentalment soda u li ma twassalx għal irkupru ta' kwalunkwe minn dawn is-sustanzi għall-fini tal-użu mill-ġdid tagħhom. 2. Mill-2013 u kull erba' snin sussegwentement sakemm din il-kundizzjoni t'hawn fuq titneħħa jew tiskadi b'mod ieħor, il-Korp Eżekuttiv għandu jevalwa l-progress li l-Partijiet għamlu lejn il-kisba tal-oġġettiv aħħari tagħhom tal-eliminazzjoni ta' dawn is-sustanzi li jinsabu f'dawn l-oġġetti u jirrevedi l-ħtieġa kontinwata għall-kundizzjoni, li fi kwalunkwe każ għandha tiskadi fl-2030 l-aktar tard.
Etere tat-tetrabromodifenil ([b]) u etere tal-pentabromodifenil ([b])	Produzzjoni	Xejn
	Użu	1. Parti tista' tippermetti riċiklaġġ ta' oġġetti li jkun fihom jew jista' jkun fihom kwalunkwe minn dawn is-sustanzi, u l-użu u r-rimi finali ta' oġġetti manifatturati minn materjali riċiklati li fihom jew jista' jkun fihom kwalunkwe minn dawn is-sustanzi, sakemm ir-riċiklaġġ u r-rimi finali jitwettqu f'manjiera li hija ambjentalment soda u li ma twassalx għal irkupru ta' kwalunkwe minn dawn is-sustanzi għall-fini tal-użu mill-ġdid tagħhom. 2. Mill-2013 u kull erba' snin sussegwentement sakemm din il-kundizzjoni t'hawn fuq titneħħa jew tiskadi b'mod ieħor, il-Korp Eżekuttiv għandu jevalwa l-progress li l-Partijiet għamlu lejn il-kisba tal-oġġettiv aħħari tagħhom tal-eliminazzjoni ta' dawn is-sustanzi li jinsabu f'dawn l-oġġetti u jirrevedi l-ħtieġa kontinwata għall-kundizzjoni, li fi kwalunkwe każ għandha tiskadi fl-2030 l-aktar tard.

Pentaklorobenżen CAS: 608-93-5	Produzzjoni	Xejn
	Użu	Xejn

Sulfonat tal-perfluworottan (PFOS) ([c])	Produzzjoni	Xejn, ħlief għall-produzzjoni għall-użijiet (a)-(c) hawn taħt, u (a)-(e) fl-anness II
	Użu	Xejn, ħlief għall-użijiet li ġejjin u l-użijiet (a)-(e) fl-anness II: (a) Elettrodepożizzjoni tal-kromju, anodizzazzjoni tal-kromju u inċiżjoni inversa sal-2014; (b) Depożizzjoni ta' nikil-politetrafluworoetilen mingħajr kurrent elettriku sal-2014;

		(c) Inċiżjoni tas-sottostrati tal-plastik qabel il-metallizzazzjoni tagħhom sal-2014; (d) Fowms għat-tifi tan-nar, iżda biss jekk ġew manifatturati jew kienu qed jintużaw sat-18 ta' Diċembru 2009 Fir-rigward tal-fowms għat-tifi tan-nar: (i) Il-Partijiet għandhom jistinkaw biex jeliminaw il-fowms għat-tifi tan-nar li fihom il-PFOS sal-2014, li ġew manifatturati jew kienu qed jintużaw sat-18 ta' Diċembru 2009 u għandhom jirrapportaw il-progress tagħhom lill-Korp Eżekuttiv fl-2014; (ii) Abbażi tar-rapporti tal-Partijiet u l-paragrafu (i), il-Korp Eżekuttiv għandu sal-2015 jivvaluta jekk l-użu tal-fowms għat-tifi tan-nar li fihom il-PFOS li ġew manifatturati jew kienu qed jintużaw sat-18 ta' Diċembru 2009 għandhomx ikunu suġġetti għal restrizzjonijiet addizzjonali."

5. L-elenkar għas-sustanza PCB għandu jitħassar u jinbidel bir-ringiela li ġejja:

"Bifenili poliklorurati (PCBs) [d]	Produzzjoni	Xejn
	Użu	Xejn. Fir-rigward tal-PCBs li qed jintużaw sad-data ta' implimentazzjoni, il-Partijiet għandhom: 1. Jagħmlu sforzi determinati mfassla biex iwasslu għal: (a) L-eliminazzjoni tal-użu tal-PCBs identifikabbli fit-tagħmir (jiġifieri transformers, kapasiters jew reċipjenti oħrajn li fihom stokkijiet likwidi residwi) li fihom il-PCBs f'volumi ikbar minn 5dm³ u li għandhom konċentrazzjoni ta' 0,05 % PCBs jew ikbar, mill-iktar fis possibbli iżda mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010, jew il-31 ta' Diċembru 2015 għal pajjiżi b'ekonomiji fi tranżizzjoni; (b) Id-distruzzjoni jew id-dekontaminazzjoni f'manjiera ambjentalment soda ta': — Il-PCBs likwidi kollha msemmija fis-sottoparagrafu (a) u PCBs likwidi oħrajn li fihom iktar minn 0,005 % PCBs mhux fit-tagħmir, mill-iktar fis possibbli iżda mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015, jew il-31 ta' Diċembru 2020 għal pajjiżi b'ekonomiji fi tranżizzjoni; — Il-PCBs likwidi kollha msemmija fil-paragrafu 2(a) sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2029; (c) Id-dekontaminazzjoni jew ir-rimi ta' tagħmir imsemmija fis-sottoparagrafi 1(a) u 2(a) f'manjiera ambjentalment soda. 2. Jistinkaw biex: (a) Jidentifikaw u jneħħu mill-użu tagħmir (eż. transformers, kapasiters jew reċipjenti oħrajn li fihom stokkijiet likwidi) li fih iktar minn 0,005 % PCBs u volumi ikbar minn 0,05 dm³, mill-iktar fis possibbli iżda mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025; (b) Jidentifikaw oġġetti oħrajn li fihom iktar minn 0,005 % PCBs (eż. inforra tal-kejbils, qalfataġġ imwebbes u oġġetti miżbugħin) u jamministrawhom skont il-paragrafu 3 tal-artikolu 3. 3. Jiżguraw li t-tagħmir deskritt fis-sottoparagrafi 1(a) u 2(a) ma jiġix esportat jew importat apparti mill-iskop ta' ġestjoni tal-iskart f'manjiera ambjentalment soda.

		4. Jippromwovu li ġej biex inaqqsu l-esponimenti u r-riskju biex jikkontrollaw l-użu tal-PCBs: (a) Jużaw il-PCBs biss f'tagħmir intatt u mingħajr rilaxxi u biss f'żoni fejn ir-riskju mir-rilaxx ambjentali jista' jiġi minimizzat u rimedjat malajr; (b) Ma jużawx il-PCBs f'tagħmir f'żoni assoċjati mal-produzzjoni jew l-ipproċessar tal-ikel jew l-għalf; Meta jintużaw il-PCBs f'żoni popolati, inkluż skejjel u sptarijiet, jittieħdu l-miżuri raġonevoli kollha għall-prevenzjoni ta' insuffiċjenzi elettriċi li jistgħu jirriżultaw f'nirien, u regolarment jispezzjonaw it-tagħmir għar-rilaxxi."

6. In-nota f'qiegħ il-paġna ([a]) fl-aħħar tal-anness I għandha titħassar.

7. In-noti f'qiegħ il-paġna li ġejjin għandhom jiżdiedu fl-aħħar tal-anness I:

"([a]) "Etere tal-eżabromodifenil u etere tal-eptabromodifenil" ifissru 2,2′,4,4′,5,5′- etere tal-eżabromodifenil (BDE-153, CAS Nru: 68631-49-2), 2,2′,4,4′,5,6′- etere tal-eżabromodifenil (BDE-154, CAS Nru: 207122-15-4), 2,2′,3,3′,4,5′,6 etere tal-eptabromodifenil (BDE-175, CAS Nru: 446255-22-7), 2,2′,3,4,4′,5′,6- tere tal-eptabromodifenil (BDE-183, CAS Nru: 207122-16-5) u eteri tal-ħeksa- u eptabromodifenil oħrajn preżenti fl-etere tal-ottabromodifenil kummerċjali.

([b]) "Etere tat-tetrabromodifenil u etere tal-pentabromodifenil" ifissru 2,2′,4,4′- etere tat-tetrabromodifenil (BDE-47, CAS Nru: 40088-47-9) u 2,2′,4,4′,5- etere tal-pentabromodifenil (BDE-99, CAS Nru: 32534-81-9) u eteri tat-tetra- u pentabromodifenil oħrajn preżenti fl-etere tal-pentabromodifenil kummerċjali.

([c]) Sulfonat tal-perfluworottan (PFOS) tfisser sustanzi definiti permezz tal-formula molekulari C8F17SO2X, fejn X = OH, melħ tal-metall, aloġenur, ammid jew derivattivi oħrajn inkluż il-polimeri.

([d]) "Bifenili poliklorurati" tfisser komposti aromatiċi ffurmati f'tali manjiera li l-atomi tal-idroġenu fuq il-molekula tal-bifenil (żewġ ċrieki tal-benżen marbutin flimkien permezz ta' rabta unika ta' karbonju-karbonju) jistgħu jinbidlu b'massimu ta' 10 atomi tal-kloru."

G Anness II

1. L-elenkar għas-sustanzi DDT, HCH, u PCB fit-tabella li tidher wara l-ewwel paragrafu tal-anness II, għandu jitħassar.

2. L-elenkar għas-sustanza li ġejja għandu jiżdied billi tiddaħħal ir-ringiela li ġejja fl-ordni alfabetika xierqa:

"Sustanza	Rekwiżiti ta' implimentazzjoni	
	Ristretti għall-użijiet	Kundizzjonijiet
Sulfonat tal-perfluworottan (PFOS) ([a])	(a) Kisjiet fotoreżistenti jew antiriflessivi għall-proċessi tal-fotolitografija; (b) Kisjiet fotografiċi applikati mal-films, il-karti jew il-folji tal-istampar;	Il-partijiet għandhom jieħdu azzjoni biex jeliminaw dawn l-użijiet ladarba jkunu disponibbli alternattivi adattati

Sustanza	Rekwiżiti ta' implimentazzjoni	
	Ristretti għall-użijiet	Kundizzjonijiet
	(c) Soppressuri tar-raxx għal kromju iebes mhux dekorattiv (VI) aġenti tad-depożizzjoni u umidifikanti għall-użu f'sistemi kontrollati tal-elettrodepożizzjoni; (d) Fluwidi idrawliċi għall-avjazzjoni; (e) Ċertu apparat mediku (bħas-saffi tal-kopolimer tal-etilen tat-tetrafulworoetilen (ETFE) u produzzjoni radjoopaka tal-EFTE, apparat dijanjostiku mediku in vitro, u filtri tal-kulur CCD).	Sa mhux iktar tard mill-2015 u kull erba' snin wara dan, kull Parti li tuża dawn is-sustanzi għandha tirrapporta dwar il-progress li sar biex telimina-hom u tissottometti informazzjoni dwar dan il-progress lill-Korp Eżekuttiv. Abbażi ta' dawn ir-rapporti, dawn l-użijiet ristretti għandhom jiġu vvalutati mill-ġdid.

([a]) Sulfonat tal-perfluworottan (PFOS) tfisser sustanzi definiti permezz tal-formula kimika C8F17SO2X, fejn X = OH, melħ tal-metall, aloġenur, ammid jew derivattivi oħrajn inkluż il-polimeri"

H. Anness III

1. It-test taħt l-intestatura "Sena ta' referenza" għal kull wieħed mis-sustanzi elenkati fl-anness III għandu jitħassar u jinbidel b'li ġej:

"1990; jew sena alternattiva mill-1985 sal-1995 inklussivi, jew għal pajjiżi b'ekonomiji fi tranżizzjoni, sena alternattiva mill-1985 sas-sena tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll għal Parti, u kif speċifikat mill-Parti mar-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni"

2. Fl-elenkar għas-sustanza Eżaklorobenżen, taħt l-isem tas-sustanza għandu jiżdied it-test li ġej: "CAS: 118-74-1".

3. Għandu jiżdied elenkar għall-PCBs tas-sustanzi billi fl-aħħar tat-tabella tiddaħħal ir-ringiela li ġejja:

"PCBs ([c])	2005; jew sena alternattiva mill-1995 sal-2010 inklussivi, jew għal pajjiżi b'ekonomiji fi tranżizzjoni, sena alternattiva mill-1995 sas-sena tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll għal Parti, u kif speċifikat mill-Parti mar-ratifika, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni."

4. Għandha tiżdied nota f'qiegħ il-paġna wara n-nota f'qiegħ il-paġna b/kif ġej:

"([c]) Bifenili poliklorurati, kif definit fl-anness I, meta ffurmati u rilaxxati mingħajr intenzjoni minn sorsi antropoġeniċi."

I. Anness IV

1. Fil-paragrafu 2, fil-parenteżi, il-kelma "u" għandha titħassar u l-kliem ", u għal kontenut tal-ossiġenu magħruf" għandhom jiżdiedu fl-aħħar.

2. Il-paragrafu 3 għandu jitħassar u jinbidel bit-test li ġej:

"3. Il-valuri limitu jirrelataw għal sitwazzjoni normali tal-operat. Għall-operazzjonijiet f'lott, il-valuri limitu jirrelataw mal-livelli medji kif reġistrat matul il-proċess kollu tal-lott — inkluż għal eżempju tisħin minn qabel, tisħin u tkessiħ."

3. Fil-paragrafu 4, il-kelma "applikabbli" għandha tiżdied qabel il-kelma "standards" u l-kliem "pereżempju" għandhom jiżdiedu qabel il-kliem "il-Kumitat."

4. Il-paragrafu 6 għandu jitħassar u jinbidel bit-test u n-nota f'qiegħ il-paġna li ġejjin:

"6. L-emissjonijiet tal-PCDD/F jingħataw f'ekwivalenti tossiċi totali (TEQ) [1]. Il-valuri tal-fatturi ta' ekwivalenza tossika li għandhom jintużaw għall-finijiet ta' dan il-Protokoll għandhom ikunu konsistenti mal-istandards internazzjonali applikabbli, inklużi l-valuri tal-fatturi ta' ekwivalenza tossika għall-mammiferi stabbiliti mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa fl-2005 għall-PCDD/F.

[1] L-ekwivalenti tossiku totali (TEQ) huwa definit f'sens operattiv mis-somma tal-prodotti tal-konċentrazzjoni ta' kull kompost multiplikat bil-fattur ta' ekwivalenza tossika tiegħu (TEF) u huwa stima tal-attività totali tat-taħlita li tixbaħ 2,3,7,8-TCDD. Ekwivalenti tossiku totali qabel kienet imqassra għal TE."

5. Il-paragrafu 7 għandu jitħassar u jinbidel bit-test u n-nota f'qiegħ il-paġna li ġejjin:

"7. Il-valuri limitu li ġejjin, li jirreferu għal konċentrazzjoni ta' 11 % O_2 fil-gass mit-tromba ta' ċumnija, japplikaw għat-tipi ta' inċineratur li ġejjin:

Skart solidu tal-muniċipju (sors immobbli eżistenti li jaħraq iktar minn 3 tunnellati fis-siegħa u kull sors immobbli ġdid)

0,1 ng TEQ/m³

Skart solidu mediku (sors immobbli eżistenti li jaħraq iktar minn tunnellata 1 fis-siegħa u kull sors immobbli ġdid)

Sors immobbli ġdid: 0,1 ng TEQ/m³

Sors immobbli eżistenti: 0,5 ng TEQ/m³

Skart perikoluż (sors immobbli eżistenti li jaħraq iktar minn tunnellata 1 fis-siegħa u kull sors immobbli ġdid)

Sors immobbli ġdid: 0,1 ng TEQ/m³

Sors immobbli eżistenti: 0,2 ng TEQ/m³

Skart industrijali mhux perikoluż [1] [2]

Sors immobbli ġdid: 0,1 ng TEQ/m³

Sors immobbli eżistenti: 0,5 ng TEQ/m³

[1] Inkluż inċineraturi li jittrattaw l-iskart tal-bijomassa li jista' jkun fih komposti organiċi aloġenati jew metalli tqal b'riżultat tat-trattament tal-preservattivi jew kisi tal-injam, u li jinkludi b'mod partikolari skart tal-bijomassa li joriġina mill-iskart tal-kostruzzjoni u t-tkissir, iżda jeskludi l-inċineraturi li jittrattaw skart ieħor tal-bijomassa biss.

[2] Pajjiżi b'ekonomiji fi tranżizzjoni jistgħu jeskludu l-kokombustjoni tal-iskart industrijali mhux perikoluż fil-proċessi industrijali fejn skart bħal dan jintuża bħala fjuwil addizzjonali li jikkontribwixxi sa 10 % tal-enerġija,"

6. Għandhom jiżdiedu l-paragrafi ġodda li ġejjin wara l-paragrafu 7:

"8. Il-valur limitu li ġej, li jirreferi għal konċentrazzjoni ta' 16 % O_2 fil-gass mit-tromba ta' ċumnija, japplika għall-impjanti tas-sinter:

0,5 ng TEQ/m³

9. Il-valur limitu li ġej, li jirreferi għall-konċentrazzjoni proprja ta' O_2 fil-gass mit-tromba ta' ċumnija, japplika għas-sors li ġej:

Produzzjoni sekondarja tal-azzar — Fran tal-ark elettriċi b'kapaċità li jipproduċu iktar minn 2,5 tunnellati fis-siegħa ta' azzar imdewweb għal iktar proċessar:

0,5 ng TEQ/m³"

J. Anness VI

1. It-test eżistenti tal-anness għandu jiġi mmarkat bħala l-paragrafu 1.

2. Fil-paragrafu (a), wara l-kliem "Protokoll preżenti" għandhom jiżdiedu l-kliem "għal Parti".

3. Għandu jkun hemm bidla fil-paragrafu (b):

"Għal sorsi immobbli eżistenti:

(i) tmien snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll preżenti għal Parti. Jekk hemm bżonn dan il-perjodu jista' jiġi estiż għal sorsi immobbli eżistenti speċifiċi skont il-perjodu ta' amortizzazzjoni previst fil-leġiżlazzjoni nazzjonali; jew

(ii) għal Parti li hija pajjiż b'ekonomija fi tranżizzjoni, sa ħmistax-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll preżenti għal dik il-Parti".

4. Għandu jiżdied paragrafu ġdid fl-aħħar tal-Anness kif ġej:

"2. L-iskali taż-żmien għall-applikazzjoni tal-valuri limitu u l-aqwa tekniki disponibbli li ġew aġġornati jew introdotti b'riżultat tal-emenda ta' dan il-Protokoll għandhom:

(a) għal sorsi immobbli ġodda, sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-emenda rilevanti għal Parti;

(b) għal sorsi immobbli eżistenti:

(i) tmien snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-emenda rilevanti għal Parti; jew

(ii) għal Parti li hija pajjiż b'ekonomija fi tranżizzjoni, sa ħmistax-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-emenda rilevanti għal dik il-Parti".

K. Anness VIII

1. Fit-tieni sentenza tal-parti I, qabel il-kliem "anness V" għandhom jiżdiedu l-kliem "id-dokument ta' gwida msemmi fi".

2. Id-deskrizzjoni fil-kategorija 1 fit-tabella fil-parti II għandha titħassar u tinbidel bit-test li ġej: "Inċinerazzjoni ta' skart, inkluż koinċinerazzjoni, skart tal-muniċipju, perikoluż, mhux perikoluż u skart mediku u ħama tad-drenaġġ."

3. Il-kategoriji l-ġodda li ġejjin għandhom jiżdiedu mat-tabella fil-parti II:

"13	Proċess tal-produzzjoni kimika speċifiċi li jirrilaxxaw sustanzi niġġiesa organiċi persistenti mingħajr intenzjoni, speċjalment il-produzzjoni tal-klorofenoli u l-kloranil.
14	Proċessi termali fl-industrija metallurġika, metodi bbażati fuq il-kloru."

EMENDI GĦALL-PROTOKOLL

kif jidhru fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2009/2 tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni

A. Anness I

1. L-elenkar għas-sustanzi li ġejjin għandu jiżdied billi jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin fl-ordni alfabetika xierqa:

"Naftaleni Poliklorurati (PCN)	Produzzjoni	Xejn
	Użu	Xejn
Paraffini klorurati b'katina qasirad [d]	Produzzjoni	Xejn, ħlief għall-produzzjoni għall-użijiet speċifikati fl-anness II
	Użu	Xejn, ħlief għall-użijiet speċifikati fl-anness II"

2. In-nota f'qiegħ il-paġna li ġejja għandha tiżdied fl-aħħar tal-anness I:

"[d] Paraffini klorurati b'katina qasira tfisser alkani klorurati b'tul tal-katina tal-karbonju li tkun tikkonsisti minn 10 sa 13-il atomu tal-karbonju u l-grad ta' klorurazzjoni ta' iktar minn 48 % skont il-piż."

B. Anness II

1. L-elenkar għas-sustanzi li ġejjin għandu jiżdied billi tiddaħħal ir-ringiela li ġejja fl-ordni alfabetika xierqa:

"Paraffini klorurati b'katina qasira [d]	(a) Ritardanti tan-nar fil-lasktu użat fiċ-ċineg tal-conveyor fl-industrija tal-minjieri; (b) Ritardanti tan-nar fis-siġillanti tad-digi.	Il-partijiet għandhom jieħdu azzjoni biex jeliminaw l-użu ta' dawn ladarba jkunu disponibbli alternattivi xierqa. Sa mhux iktar tard mill-2015 u kull erba' snin wara dan, kull Parti li tuża dawn is-sustanzi għandha tirrapporta dwar il-progress li sar biex teliminahom u tissottometti informazzjoni dwar dan il-progress lill-Korp Eżekuttiv. Abbażi ta' dawn ir-rapporti, dawn l-użi ristretti għandhom jiġu vvalutati mill-ġdid."

2. In-nota f'qiegħ il-paġna li ġejja għandha tiżdied fl-aħħar tal-anness II:

"[b] Paraffini klorurati ta' katina qasira tfisser alkani klorurati b'tul tal-katina tal-karbonju li tkun tikkonsisti minn 10 sa 13-il atomu tal-karbonju u l-grad ta' klorurazzjoni ta' iktar minn 48 % skont il-piż."